MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH AZZOPARDI

Seduta tal-5 ta' Lulju, 2006

Citazzjoni Numru. 1098/2001/1

**Olimpia armla ta' Lorenzo Sultana; Alfred u martu Lorenza Sultana; Luigi u martu Rita Sultana; Mary Lourdes u zewgha Abram Azzopardi; Evelyn u zewgha Emanuel Zammit; Anna Sultana; Joseph u martu Tereza Sultana; Spiro u martu Carmen Sultana; Maria Tereza u zewgha Mario Zab, Albert Sultana, u Rose Marie u zewgha Robert Camilleri.**

**-vs-**

**Mary u zewgha Nazzareno Cuschieri u l-istess Mary Cuschieri f'isem hutha imsiefrin Doris Sangster u Lina Gersteling, Joseph Borg, u Vivienne Russell; kif ukoll Salvina sive Silvia u zewgha Alfredo Pace, u Francesco Borg u b'digriet tas-27 t'Ottubru, 2004 l-atti gew trasfuzi fuq il-konvenuti ahwa Borg stante l-mewt ta' Francesca Borg.**

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni pprezentata fit-18 ta' Gunju, 2001 li permezz taghha l-atturi ppremettew:

Illi l-atturi ghandhom fil-pussess taghhom parti mill-art maghrufa TA' DUBBIEGA sive TA' HAXIXA fl-Ibrag; u

Illi l-konvenuti minn sentejn 'l hawn qeghdin fil-pussess ta' parti ohra tal-istess art li cedihielhom missierhom, il-konvenut Francesco Borg; u

Illi l-konvenuti qed jippretendu li l-atturi m'ghandhomx dritt jibqghu fil-porzjon taghhom u spiccaw biex fil-21 ta' April 2001 huma, jew min minnhom, hattew xi partijiet tal-hitan tas-sejjieh li jifirdu z-zewg porzjonijiet; u

Illi dan l-agir jammonta ghal spoll b'dannu tal-atturi;

Ghalhekk jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti ghaliex m'ghandhiex;

1. Tiddikjara u tiddeciedi li l-konvenuti, jew min minnhom, ghamlu spoll b'dannu ghall-atturi fl-art maghruf TA' DUBBIEGA, sive TA' HAXIXA fl-Ibrag;

2. Tikkundanna lill-konvenuti jew min minnhom sabiex fi zmien qasir u perentorju lilhom prefiss minn din il-Qorti itellghu l-hitan tas-sejjieh li jifirdu l-porzjoni tal-atturi minn dik tal-konvenuti li huma waqqghu, u li jitqieghdu bl-istess mod kif kienu qabel, jekk hemm bzonn taht id-direzzjoni ta' periti li jkunu mahtura ghal dan il-ghan;

3. Fin-nuqqas, tawtorizza lill-atturi sabiex jaghmlu dan ix-xoghol huma stess bi spejjez tal-konvenuti;

Bl-ispejjez, maghduda dawk tal-ittra interpellatorja tas-27 ta’ April 2001 kontra l-konvenuti li huma mharrka minn issa in subizzjoni; u b’rizerva ghal kull azzjoni ghal danni.

Rat id-dikjarazzjoni ta’ l-atturi mahlufa u l-lista tax-xhieda.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti pprezentata fis-27 ta’ Settembru, 2001 li permezz taghha eccepew;

1. Illi l-atturi m’ghandhom l-ebda jedd jew dritt fuq l-art in kwistjoni u allura ma setghux gew soggetti ghal spoll.

2. Illi l-konvenuti huma l-inkwilini legali ta’ l-art in kwistjoni kif jigi ippruvat waqt is-smiegh ta’ din il-kawza, u fil-fatt kienu huma li gew soggetti ghal spoll mill-atturi.

3. Illi l-elementi ta’ spoll fil-kaz odjern ma jistghux jirrizultaw.

4. Illi ghalhekk it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontrihom.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenuti mahlufa u l-lista tax-xhieda.

Rat l-atti processwali u l-verbal tas-seduta tat-30 ta’ Gunju, 2006 li permezz taghha il-kawza thalliet ghas-sentenza.

Rat in-noti ta’ sottomissjonijiet;

Ikkunsidrat.

Illi kif jidher car mic-citazzjoni din hija kawza ta’ spoll. L-atturi qed isostni illi l-konvenuti hattew partjiet mill-hajt tas-sejjieh li jaqsam ghalqa mahduma mill-konvenuti u ohra li tmiss ma’ dik mahduma mill-atturi u li skond huma huma jahdmu ukoll.

B’dan il-mod, l-atturi isostnu illi l-konvenuti kkomettew spoll ghaliex b’dan il-mod qed jipposessaw ruhhom minn din l-ghalqa. Kif hu maghruf huma tlieta l-elementi rikjesti biex azzjoni ta’ spoll tirnexxi u dawn huma;

**1. il-pussess;**
**2. l-azzjoni spoljattiva li tkun saret bil-mohbi jew kontra l-volonta’ ta’ l-attur; u**
**3. li l-azzjoni issir fi zmien xahrejn minn meta jkun sehh l-ispoll.**

Il-konvenuti f’din il-kawza qed jeccepixxu illi l-atturi ma ghandhom ebda dritt fuq din l-ghalqa u li huma l-inkwilini legali taghha. Ghalhekk skond huma l-atturi ma jistghux jirnexxu fil-kawza ta’ spoll.

L-atturi ppresentaw numru ta’ affidavits fosthom taghhom stess a fol 20 tal-process. Huma ftit jew wisq irrepetew lil xulxin; li l-familja taghhom minn dejjem hadmu l-ghalqa mmarkata bl-ahmar u l-ohra mmarkata bil-blu fid-dokumenti A u B. Esebew ittra tal-1923 mibghuta lil missierhom u r-ragel tal-attrici Olympia Sultana fejn l-awtoritajiet ekklesjatici qalulu li seta’ jahdem ir-raba’ hu (dok C). Fil-fatt fl-1944 l-istess missierhom kien iddikjara li kien jahdem dawn l-ghelieqi hu lid-dipartiment tal-Agrikoltura waqt li l-konvenut Francesco Borg kien iddikjara li jahdem l-art immarkata bl-ikhal. Mill-1951 ir-ricevuti baqghu jinhargu fuq isem missier l-atturi (u zewg Olympia Sultana) u l-istess Borg. Fl-1955 imbaghad missierhom irtira u qabbel l-art lill-hu l-atturi Reverendu Bartolomeo Sammut pero’ fil-fatt kienu baqghu jahdmuha huma; fl-1978 miet missierhom u baqghu jahdmuha huma. Il-qbiela baqa’ jhallasha Reverendu Sammut f’isem l-atturi u l-imsemmi Francesco Borg. Fit-12 ta’ Lulju, 1999 Dun Bartolomeo miet u ghalhekk l-atturi nformaw lill-Ufficju Kongunt li kienu ser ikomplu jahdmu l-ghalqa. Fl-2000 marru l-konvenuti jhallsu l-qbiela (ghax kienu jhallsu sena kull wiehed

alternattivament) u l-konvenuti Borg u Cuschieri cemplu lill-attrici Sultana u qalulha li isem Dun Bert tnehha mir-ricevuti u talbuhom c-cwievet tal-kamra ghax riedu jiehdu l-pussess tal-ghalqa in kwistjoni. Ghalkemm hija qalet lil Borg li din kienu jadhmuha huma ftit granet wara sabu l-hitan imwaqqa'. Fil-21 ta' April, 2001 dawn regghu twaqqghu wara li huma kienu regghu bnewhom u ghalhekk saret il-kawza. Huma jinsistu li l-konvenuti qatt ma kellhom pussess ta' din l-ghalqa. Ix-xhieda Sandro Micallef, Joseph Sciberras, Angelo Azzopardi u Michael Caruana ikkonfermaw li l-atturi kellhom dejjem il-pussess ta' l-ghalqa u uhud minnhom qalu li semghu lil Borg jikkonferma li kien waqqa' l-hitan hu.

Xehdet il-konvenuta Mary Cuschieri fis-seduta ta' l-14 ta' Frar, 2002 in subizzjoni fejn qalet li Dun Bert kien kugin ta' missierha Francesco Borg u ghalhekk meta marru l-Ufficju Kongunt wara l-mewt tieghu kkonvincewhom li l-qbiela kellha ddur fuqhom ghax ma kellux ulied. Is-Surgent Giusti xehed dwar ir-rapport illi kellu dwar l-incident tal-21 ta' April, 2001 liema rapport sar mill-attrici Camilleri li xi hadd kien dahal fil-proprjeta' taghhom; meta mar fuq il-post sab lill-atturi li semmew lill-konvenut Borg u dan baghat ghalih. Borg mar l-ghassa ma' uliedu u xi persuni ohra u dan qallu li dak li ghamel ghamlu biex ikollu access ghall-ghalqa tieghu.

L-affidavit ta' Fancesco Borg huwa mportanti; sfortunatament lahaq miet qabel ma sarlu l-kontro-ezami. Meta miet Dun Bert mar l-ufficju kongunt u qalilhom li xtaq idawwar il-qbiela fuqu; qalulu jimla' formola u hekk sar. Qal testwalment hekk; *Peress li r-ricevuta harget mill-Joint Office fuq uliedi, dehrli li issa stajt niftah fetha fil-hajt li hemm bejn iz-zewg porzjonijiet sabiex inkunu nistghu nidhlu fl-ghalqa. Kont inlesti fetha u nghid issa ghada nidhol bil-mutur biex nahrat; l-ghada bdejt insib il-fetha maghluqa u ma kontx naf min qed jaghlaqha. Dan kien ghal habta ta' April nghid li meta ftaht il-fetha l-art ma kinitx mahduma.*

Mix-xhieda ta’ Mary Cuschieri a fol 78 tal-process jidher car li din il-fetha finalment baqghet u ghalkemm hija ma ratx lil missierha jiftahha kienet qed tippresumi li kien hu li ghamel hekk.

Jidher car illi l-konvenuti qed jibbazaw id-difiza taghhom fuq eccezzjonijiet fil-mertu ta’ min hu intitolat ghal kirja. Ma jikkontestawx li huma (precizament Francesco Borg) fetah il-hajt ghaliex qed jippretendu li l-qbiela kellha tghaddi fuqhom. Ghalkemm jghidu li qatt ma raw lill-atturi jahdmu l-ghalqa, il-Qorti hija konvinta li meta din kienet tghajjat lil Dun Bert li kien hu l-attrici Olympia Sultana, din kienet fil-pussess ta’ l-atturi u *multo magis* kien hekk meta Dun Bert miet u allura l-atturi kienu l-iktar nies jigu minnu mill-qrib. L-allegazzjonijiet tal-konvenuti huma ghal kollox inverosimili u hu car li huma ppretendew li jidhlu fl-ghalqa u wara illi kkonvincew lill-Ufficju Kongunt iddawwar il-qbiela fuqhom bi premessi foloz, ghamlu l-fetha ghal dan l-iskop. Meta infatti l-Ufficju Kongunt sar jaf li Dun Bert fil-fatt kellu werrieta irtira il-kunsens tieghu biex il-qbiela iddur fuq il-konvenuti.

Fis-sentenza <u>Delia vs Schembri</u> (Prim’Awla - 4 ta’ Frar, 1958) gie ritenut illi;

*L-azzjoni ta’ spoll iservi biex tipprotegi il-pussess, ikun x’ikun .. li jigi vjolentement jew okkultament mehuda minn ghand il-possessur jew detentur u gie deciz kemm il-darba li tapplika ukoll ghat-tutela tal-kwazi pussess tad-drittijiet legali u hija inerenti ghall-fatt ta’ min b’awtorita’ privata .. jaghmel ghad-dannu ta’ terza persuna att li ghalkemm jista’ jkollu dritt ghalih ma jistax jesercitah minghajr intervent tal-Qorti.*

Fi kliem Pacifici Mazzoni spoll vjolent huwa “*qualunque atto arbitrario che per forza privata si compia contro la volontarieta’ dello spogliato*”. (Vol III Sez. 52).

Kif gie ritenut fil-kawza Margherita Fenech vs Pawla Zammit deciza fit-12 ta' April, 1958;

*L-actio spolii hija radikata pjuttost fuq l-esigenzi ta' utilita' socjali milli fuq il-principju assolut ta' gustizzja hija eminentement intiza l-protezzjoni ta' kwalunkwe pussess u jigi impedut lic-cittadin privat li jiehu l-ligi f'idejh; b'mod li l-fini taghha huwa dak li jigi restawrat l-istat tal-pussess li jkun gie skonvolt jew turbat.*

Kif ukoll gie ritenut;

*Kif kellha okkazjoni tesprimi ruhha l-Onorabbli Qorti tal-Appell, l-indagini li trid issir hija wahda limitatissima, rigoruza u skarna u ma tinsab f'ebda legislazzjoni ohra u kompliet tghid illi ghlhekk indaginijiet ibbazati fuq x'jghidu u ma jghidux guristi u awturi Francizi u Taljani huma ghal kollox irrilevanti u inapplikabbli fil-kuntest tal-ordinament guridiku taghna – Appell Civili – Cardona vs Tabone – deciza fid-9 ta' Marzu, 1992).*

Lanqas ma tista' tqum il-problema addizzjonali dwar jekk japplikax il-principju *vim vi ripellere licet*. Ma hemm infatti ebda dubbju kif gia' intqal li kienu l-konvenuti li l-ewwel waqgghu il-hajt u ghalkemm dan rega' ittella finalment sar l-ispoll li fuqu nfetet il-kawza. Kif qalet il-Qorti tal-Appell fil-kawza Camilleri vs Bonello (5 ta' Ottubru, 1998);

*F'azzjoni possessorja ta' din ix-xorta l-att turbattiv tal-pussess li ta lok ghaliha ghandu dejjem ikun identifikabbli u ghandu jigi bi precizjoni identifikat (spolitaum fuisse) bhala fatt li sar fi zmien determinat mhux biss ghaliex mill-mument meta javvera ruhu li d-dekadenza estintiva ta' l-azzjoni jibda jiddekorri imma ukoll ghaliex it-talba jehtieg tkun ghar reintegrazzoni ta' l-attur.*

Il-Qorti ccitat sentenza antika (Vol XXIV pt 1 pagna 281) illi rriteniet;

*Dell'altro canto chi rimuove ostacoli trovati el passaggio ale proprie terre per apririvi l'accesso che prima possedeva non fa' atto violento, ne' commette spoglio, ne' si fa' giustizia da se ma esercita il su diritto entro i limiti del suo possesso, o meglio, afferma e continua il proprio possesso di cui era in godimento legittimo che fu turbato da chi ha posto quegli ostacoli.*

Il-Qorti mbaghad qalet li dan naturalment japplika *a contrario senso.* Naturalment din l-azzjoni tal-konvenut trid tkun saret immedjatament wara li jkun sar l-ispoll tal-attur biex tkun gustifikata (ara ukoll is-sentenzi Pellegrini Petit vs Sammut – Appell 16 ta' Jannar, 1920 u Sammut vs Sammut – Prim'Awla 31 ta' Jannar, 2003).

Ghalhekk il-Qorti fil-kaz in esami hija konvinta li l-atturi kellhom il-pussess wara l-mewt ta' Dun Bert u ghalhekk precedentement ghas-sena 2001 u li l-konvenuti kkomettew l-ispoll imsemmi fic-citazzjoni. Ma hemm ebda dubbju li l-azzjoni saret entro' x-xahrejn imsemmija fil-ligi; infatti l-konvenuti ma eccepew xejn fir-rigward.

**Ghal dawn il-mottivi l-Qorti tilqa' t-talbiet kollha attrici; ghall-fini tat-tieni talba ix-xoghol ghandu jsir fi zmien xahar taht is-supervizjoni ta' l-AIC David Pace. L-ispejjes tal-kawza jithallsu mill-konvenuti.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------